Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1103

26.5.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1103

tat-22 ta' Mejju 2026

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-PHMB (1415; 4.7) għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 4 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) Il-PHMB (1415; 4.7) ġiet approvata bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 4 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/613 [2], soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

(2) L-approvazzjoni tal-PHMB (1415; 4.7) għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 4 ("l-approvazzjoni") se tiskadi fil-31 ta' Ottubru 2026. Fil-25 ta' April 2025, ġew sottomessi applikazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-PHMB (1415; 4.7) għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 4 ("l-applikazzjonijiet").

(3) Fl-10 ta' Lulju 2025, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ta' Franza infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjonijiet. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni trid twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.

(4) L-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tista', skont kif ikun xieraq, tirrikjedi lill-applikant jipprovdi biżżejjed data biex titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-180 jum b'kollox, sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal min-natura tad-data rikjesta jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") trid tħejji opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tissottomettiha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Fit-23 ta' Frar 2026, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni infurmat lill-Kummissjoni li l-evalwazzjoni ddewmet. Dak id-dewmien huwa marbut mal-valutazzjoni tad-data relatata mal-analiżi ta' ħames lottijiet, in-newrotossiċità fil-faża tal-iżvilupp u l-proprjetajiet ta' tfixkil tas-sistema endokrinali tal-PHMB (1415; 4.7). L-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tistenna li tissottometti r-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid lill-Aġenzija fit-tielet kwart tal-2028.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/613 tal-20 ta' April 2018 li japprova l-PHMB (1415; 4.7) bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 4 (ĠU L 102, p. 1, 23.4.2018, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/613/oj).

(7) Għaldaqstant, minħabba raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni aktarx tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk, jixraq li d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tiġi posposta għal perjodu twil biżżejjed biex l-applikazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu eżaminati. Wara li tqiesu l-finalizzazzjoni mistennija tal-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, il-limitu ta' żmien għat-tħejjija u għas-sottomissjoni mill-Aġenzija tal-opinjonijiet tagħha u ż-żmien meħtieġ biex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni tal-PHMB (1415; 4.7) għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 4, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għat-30 ta' April 2029.

(8) Wara l-posponiment tad-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, il-PHMB (1415; 4.7) tibqa' approvata għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 4, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/613,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-PHMB (1415; 4.7) għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 4, stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/613, hija posposta għat-30 ta' April 2029.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN